# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 218/2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Azzopardi**

Seduta tad-10 ta' Dicembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, **Joseph Azzopardi**, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 570181M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Novembru 2017 f'dawn il-Ġzejjer; naqas li jagħti lil Lourdes Bianchi, is-somma ta' €530, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal uliedu u/jew martu fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha titħallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-25 t' April, 2018 li biha sabet lill-imsemmi imputat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u ikkundannatu għal xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Azzopardi, l-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 2018, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta kontra tiegħu u mingħajr pregudizzju għas-suespost, u b'mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tikkonferma l-ħtija kif inflitta mill-Ewwel Qorti, li tibdel il-piena mposta, b'piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat

1. L-aggravju tal-appellant huwa dwar l-impossibilita' tieghu li jhallas il-manteniment dovut skond l-ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u dan ghaliex kawza ta' marda li hakmitu tilef ix-xoghol tieghu u ma jistghax aktar jahdem sakemm jibqa' aflitt b'din il-kundizzjoni li gja ttenta jirranga b'operazzjoni f'dahru;

2. L-appellant xehed kif f'Awwissu 2017 kien wegga dahru u minkejja intervent kirurgiku ilu sena u nofs ghaddej bil-kura. Konsegwenza ta' hekk tilef ix-xoghol tieghu u minn dak li qed jippercepixxi bhala beneficcju tal-mard, erba' mija u hamsin ewro fix-xahar, qed iqassamhom kif jista'. Huwa kien prezenta zewg rikorsi quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex ikun ridott l-ammont ta' manteniment kawza ta' din id-dizabilita' u dawn kienu michuda. Il-kwerelanta xehedet illi qabel l-udjenza thallset is-somma ta' mitt ewro mill-appellant u kkonfermat li m'ghadux jahdem;

3. Illi din il-Qorti f'cirkostanzi konsimili accettat id-difiza ta' *nemo tenitur ad impossibilia* anke jekk mhux daqshekk liberament. Mandankollu, il-kompitu ta' din il-Qorti f'dan l-istadju tal-proceduri hu li tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghal-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Madankollu tali ezercizzju jkun inutili wara li fl-udjenza tal-lum, l-istess appellant irtira dan l-aggravju sussegwenti d-dikjarazzjoni tal-kwerelanta li proprju llum ssalda l-pendenzi tieghu li taw lok ghll-proceduri odjerni. Konsegwentement din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel aggravju;

4. Jibqa' ghalhekk x'ikun deciz l-aggravju dwar il-piena. Kif gia senjalat *supra,* il-kwerelanta ddikjarat li l-manteniment mertu tal-imputazzjoni thallas fil-mori. Jigi ghalhekk illi l-iskop tal-legislatur bl-introduzzjoni tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq u ghad illi mhux normali li din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dik li hi kominazzjoni tal-piena, sakemm din tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li din kellha tkun aktar jew anqas minn dik kominata, din il-Qorti ser tilqa' t-talba tal-appellant fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz;

5. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi fl-ewwel lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba ghat-

thassir tas-sentenza appellata u fit-tieni lok tilqa' t-tieni talba u konsegwentement tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, thassarha f'dik il-parti li biha kkundannatu ghal-terminu ta' xahar detenzzjoni u minflok tikkundannah ghal-twiddiba.